# IL-MUŻIKA TAL-AVVENT

**Dott. Hugo Agius Muscat**

Il-festa tal-Kunċizzjoni dejjem taħbat matul iż-żmien tal-Avvent, peress li dan jibda bejn is-27 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru, skont il-ġurnata li fija jkun jaħbat il-Milied dik is-sena. Fi żminijietna, speċjalment fl-isfera kummerċjali, ma ssirx wisq distinzjoni bejn il-mużika tal-Avvent u dik tal-Milied, u dlonk wieħed jibda jisma' l-Christmas Carols fil-ħwienet saħansitra qabel ma jibda ż-żmien tal-Avvent! Qabel ma l-kummerċ beda jiddominalna ħajjitna, iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied kienet tibda' fil-25 ta' Diċembru u ma kienitx tintemm ħesrem l-għada, imma tibqa' għaddejja sas-6 ta' Jannar, sal-festa tal-Epifanija.



*Patri Albert Borg OSA (1919-2012) (Ritratt: Times of Malta)*

Fil-knejjes tagħna, għad hemm distinzjoni ċara bejn il-mużika tal-Avvent u dik tal-Milied. Imdorrijin inkantaw innijiet tal-Avvent bħal 'Fik it-tama, Mulej, aħna wliedek' għad-dħul tal-quddiesa u 'Ejja fostna, Mulej, biex tifdina mid-dnub' waqt l-Offertorju. Dawn iż-żewġ innijiet huma t-tnejn purament Maltin, għax għandhom kliem ta' Oliver Friggieri u mużika ta' Patri Albert Borg OSA. Fi knejjes fejn għadha titkanta l-mużika Gregorjana, nisimgħu il-'Veni, veni Emmanuel', mużika antikissima li twieldet fis-seklu 8 jew is-seklu 9. Teżisti traduzzjoni bil-Malti li tibda' bil-kliem 'O ejja, ejj'Emmanuel, ħa tfittex teħles 'l Israël'. Innu Gregorjan ieħor

marbut mal-Avvent huwa 'Conditor alme siderum'. Dan ukoll jeżisti f'verżjoni Maltija, li jibda bil-kliem 'Jinstama' fl-għoli tas-smewwiet leħen li jkeċċi d-dlamijiet'. Kemm huma sbieħ dawn il-kliem; verament iqanqlu sens ta' stennija għall-miġja tas-Salvatur!




Innu ieħor tal-Avvent antikissimu u tassew sabiħ hu 'Veni, redemptor gentium', li nkiteb bil-Latin fis-seklu 4 minn Sant'Ambroġ ta' Milan. Il-mużika oriġinali kienet kant Ambrożjan, li huwa monofoniku bħall-kant Gregorjan, imma saħansitra eqdem minnu. Waqt ir-Riformazzjoni, għalkemm Luteru inqata' minn mal-knisja ta' Ruma, xorta baqa' juża uħud mill-aqwa temi mużikali Nsara, fosthom din, imma bil-lingwa Tedeska. B'hekk, dan l-innu ġie tradott fit-Tedesk; jibda bil-kliem 'Nun komm, der Heiden Heiland', u ġie mużikat mill-aqwa kompożituri Tedeski, fosthom Michael Praetorius u Johann Sebastian Bach. Dan tal-aħħar kiteb diversi 'chorale preludes' ibbażati fuq din it-tema, li huma popolari ħafna mal-organisti.



*Michael Praetorius (1571-1621)*

Jekk noqorbu eqreb lejn żminijietna, innu ieħor sabiħ tal-Avvent li jeżisti wkoll f'verżjoni Maltija huwa 'Venez, Divin Messie', innu Franċiż li nkiteb fis-seklu 16 u li bil-Malti nsibuh jibda bil-kliem 'Ejja, Divin Messija, l-għajnejn u l-qlub jixxenqu l-jum li fih tidħrilna l-ħniena w Adam mill-mewt iqum'.



*César Franck (1822-1890)*

Hawnhekk nixtieq insemmi li l-kompożitur famuż Franko-Belġjan César Franck, li twieled proprju mitejn sena ilu fl-10 ta' Diċembru 1822, kiteb diversi bċejjeċ sbieħ għall-orgni bbażati fuq temi tal-Avvent u tal-Milied, fosthom 'Sortie' proprju fuq it-tema ta' 'Venez, Divin Messie'.

Kemm għandna għalxiex ngħożżu dan il-wirt reliġjuż u mużikali! Tkun ħaġa sabiħa li nfittxu mużika li hi proprju tal-Avvent fil-knejjes u anki permezz ta' mezzi moderni bħal Spotify u YouTube!